# *L-Għaqda Filarmonika 'PREKURSUR'*

## Xewkija Għawdex

**(minn M'Angelo Camilleri)**



L-Għaqda Filarmonika PREKURSUR tax-Xewkija Għawdex, ġiet imwaqqfa fit-13 ta' Mejju 1929 mis-Sur Wenzu Cauchi u s-Surmast Andrea Borg. L-għan ewlieni tat-twaqqif ta' din l-għaqda kien li tiġi mwaqqfa banda Mużikali fix-Xewkija, sabiex din tieħu sehem fil-jiem tal-festa tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, Patrun tar-raħal tax-Xewkija. Il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber, mexxa l-ewwel laqgħa tal-kumitat nhar it-13 ta' Mejju 1929. Dan l-ewwel kumitat ħadem bis-sħiħ sabiex din il-ħolma tal-poplu tax-Xewkija, li jkollu banda tiegħu ssir realta.

Kien fl-1 ta' Jannar 1930 meta l-banda daqqet l-ewwel marċijiet ix-Xewkija għall-okkażżjoni ta' l-ewwel tas-sena. F'Ġunju ta' din is-sena, fil-festa ta' San Ġwann Battista, l-banda żanżnet standard waqt li għamlet diversi marċi mat-toroq tax-Xewkija u esegwiet program fil-Pjazza tax-Xewkija. L-ewwel servizz tal-banda barra mir-raħal kien meta l-banda ħadet sehem fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes l-Imġarr, Għawdex fis-17 ta' Lulju 1930.

Sa mill-ewwel ġranet mit-twaqqif tal-banda Prekursur, ta' spiss kienet tkun mistiedna biex tieħu sehem fil-festi titulari li kienu jiġu ċċelebrati fl-irħula t'Għawdex u f'ċelebrazzjonijiet ta' festi nazzjonali. Il-banda Prekursur ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li jikkommemoraw l-Inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ VI. Fl-1934 il-movument tal-Boy Scouts ingħaqad mall-banda Prekursur u sar parti integrali ma l-istess banda. Fis-sena 1936 il-Gvernatur ta' Malta Sir Charles Boham Carter għamel żjara fil-każin tal-banda, fejn ġie milqugħ bid-daqq ta' marċi brijużi. Fil-31 ta' Lulju 1938 l-banda Prekursur qasmet il-fliegu tal-gżejjer Maltin għall-ewwel darba u ħadet sehem fil-festa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar fejn għamlet marċ u programm mużikali. Madanakollu għall-aħħar tas-sena 1939, l-attivitajiet kollha tal-banda kellhom jieqfu ħesrem, billi faqqet it-tieni gwera dinjija.

Fil-bidu tas-sena 1956, grupp ta' dilettanti tal-mużika, fosthom Wenzu Camilleri, Toni Camilleri, Ġanninu Haber, Żakkrija Cilia, Ġanni u Ġużepp Vella, Toni Curmi u oħrajn, għamlu l-isforz tagħhom kollu sabiex jerġgħu jqajmu l-banda Prekusur. It-Tabib Henry Copperstone, mexxa l-ewwel kumitat u s-surmast Andrea Borg reġa' ġie maħtur bħala surmast direttur tal-banda Prekusur mgħejjun min Patri Gabrijel Farrugia.

Fis-sena 1957 il-banda ħadet sehem fil-festi ta' San Ġwann Battista. Il-banda kienet mistiedna biex tieħu sehem f'diversi titulari f'irħula oħra, kif ukoll fil-festi ta' San Ġorġ u ta' Santa Marija tar-Rabat, t'Għawdex. Hija ħadet sehem ukoll fil-festi nazzjonali u fil-karnival, billi ħadet sehem fil-karrijiet, maskri grotteski u fil-kumpaniji taż-żfin. Sa mit-twaqqif tagħha l-banda ta' sikwit kienet tkun mistiedna biex tmur Malta u tieħu sehem f'diversi festi titulari fosthom, San Ġiljan, tas-Sliema u l-Mellieħa.

Sal-lum il-ġurnata, l-banda Prekursur kellha jmexxuha sitt diretturi mużikali. Il-fundatur Maestro Andrea Borg idderieġa l-banda bejn 1930 u 1961. Is-surmast Andrea Borg ikkompona deversi biċċiet mużikali, l-aktar importanti fosthom l-Innu l-Kbir, La Nativita Di San Giovanni Battista. Fit-12 ta' Settembru tal- 1959 taħt id-direzzjoni tas-surmast Andrea Borg il-banda Prekursur kienet l-ewwel banda li daqqet l-Innu lil Għawdex, miktub min Prof. Joe Vella. It-tieni surmast tal-banda kien Mro Carmelo Borg li dam imexxi l-banda għal madwar seba snin. Mro Gużeppi Farrugia kien it-tielet surmast direttur tal-banda u dam imexxiha għal aktar min dsatax-il-sena. Dan is-surmast jibqa mfakkar għal fatt li taħt id-direzzjoni tiegħu l-banda Prekursur daqqet għall-ewwel darba l-Innu l-Kbir 'La Nativita Di San Giovanni Battista'. Wara s-surmast Farrugia, ż-żagħżugħ surmast Colin Attard ħa d-direzzjoni tal-banda Prekursur u dam imexxija għall sitt snin. F'Ottubru tal-1993 l-banda Prekursur fdat id-direzzjoni f'idejn Mro Andrew Coleiro. Taħt Mro Coleiro l-banda marret it-Tuneżija fejn għamlet marċ u programm. Dan is-surmast dam imexxi l-banda għal erba' snin. Is-sitt surmast direttur tal-banda huwa Mro Toni Borg li ġie maħtur surmast direttur f'Lulju 1997. Preżentament Mro Toni Borg huwa wkoll surmast direttur tal-banda Imperial tal-Mellieħa.

Sa mill-1965, l-Għaqda Filarmonika Prekursur kellha l-każin tagħha fi Triq Santa Katerina fejn riċentament bl-għajnuna tal-membri tal-kumitat, bandisti u soċi nbniet sala ġdida għall-kunċerti. Il-lum il-ġurnata l-għan tal-Banda Prekursur huwa li tgħallem il-mużika, torganizza affarijiet kulturali, soċjali u torganizza l-festi ta' barra tal-Patrun tagħna San Ġwann Battista, billi tieħu sehem b'diversi servizzi matul il-festa u tistieden l-baned barranin sabiex jieħdu sehem fil-festa. Għall dawn l-aħħar 20 sena l-Għaqda Mużikali Prekursur ħarġet xejn inqas min 23 kassett bl-isem Allegrija u 6 compact disk ta' marċi brijużi. Ta' kull sena l-banda tieħu sehem attiv fil-purċissjoni pageant ta' Marija Addolorata li ssir fix-Xewkija. F'Novembru l-banda tieħu sehem attiv f'Jum ix-Xewkija fejn tagħmel marċ u program mużikali. Ta' kull sena l-banda tieħu sehem fil-festa ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista li taħbat fid-29 ta' Awissu. F'lejlet il-Milied il-banda tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Bambin tal-Milied billi ddoqq għanjiet tal-Milied.

Iż-żjara tal-Banda Prekursur fi-Tuneżija kienet ġrajja kbira għal Għaqda Filarmonika Prekusur billi għall-ewwel darba l-banda tagħna ħalliet xtutna flimkien ma ħafna ammiraturi tagħha biex tmur iddoqq f'pajjiż barrani. Ġewwa Tunes il-Banda Prekursur ġiet milqugħa tajjeb ħafna, fejn għamlet diversi marċijiet u esegwiet program mużikali fil-belt ta' Soiusse.




THE ONLY SHOP IN GOZO AUTHORISED TO SELL NOKIA SATELLITE SYSTEM